TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Fit-Tribunal għal Talbiet tal-Konsumaturi.

Rikors Nru. CCT 181/11 (JE).

Marcel Micallef

vs

Tabone Enterprises Malta Ltd.

Illum, 10 ta' Marzu 2014.

It-Tribunal,

Ra l-avviż ta' Marcel Micallef tat-12 ta' April 2011 fejn stqarr illi f'Mejju 2009 xtara tinda mingħand is-soċjetà konvenuta li kienet riklamata bħala "UV protected" u "waterproof". Fi żmien sena, dina t-tenda bdiet tiddeterjora u partijiet minnha żżartu u oħrajn bdew biex jagħmlu hekk ukoll. Is-soċjetà konvenuta nformat lill-attur illi din it-tinda teħtieġ trattament u tiswija fejn tqattat. L-attur ilmenta illi t-tinda suppost ma titherriex u hu ma kienx infurmat meta xtraha illi teħtieġ trattament annwali għax kieku ma kienx jixtriha. Għaldaqstant, talab ir-rifużjoni tal-prezz ta' € 350 li swiet it-tinda.

Ra r-risposta tas-soċjetà konvenuta illi fiha sostniet illi d-drapp tat-tinda huwa fil-fatt impermeabli u trattat għar-raġġi "UV" imma hija qatt ma offriet garanzija f'terminu ta' żmien. Sostniet illi hemm materjali alternativi li jiswew aktar u li fuqhom hemm garanzji varji. Qalet illi hija tirrakomanda li ssir manutenzjoni regolari fuq dawn it-tined billi jerġa jiġi applikat it-trattament tal-"UV" wara li t-tinda tinħasel u titnixxef. Barra minn hekk, il-partijiet metalliċi illi jiċċaqalqu għandhom jingħataw il-"grease". L-attur naqas illi jsegwi dawn ir-rakkomandazzjonijiet u t-tinda soffriet minn "wear and tear". Madankollu. it-tinda għadha taħdem u ma fihiex difetti ta' natura mekkanika ħlief għal "wear and tear" minħabba l-elementi kiefra ta' dawn il-gżejjer.

Sema' l-provi u t-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidra.

Is-soċjetà konvenuta qiegħda tinsisti illi t-tinda in kwistjoni ddeterjorat għax ma ġietx mantnuta kif suppost. L-attur qed isostni illi qatt ma kien ġie nfurmat meta xtara dina t-tinda bil-ħtieġa ta' manteniment regolari ta' dina t-tinda. Is-soċjetà konvenuta ma ġabietx il-prova illi hija kienet infurmat lill-attur bil-ħtieġa ta' tali manutenzjoni meta nxtrat it-tinda anzi ma eskludietx illi ma nfurmathux.

TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

MALTA

It-Tribunal iħoss illi m'huwiex aċċettabli illi kummerċjant ibiegħ oġġett mingħajr ma javża lill-konsumatur dwar il-ħtieġa ta' manutenzjoni u jagħmel hekk biss meta jitfaċċaw il-problemi. Jirriżulta ukoll illi l-attur għadu fil-pussess tat-tinda u illi t-tinda ma ddeterjoratx aktar fil-kors tal-proċeduri.

Għaldaqstant, it-Tribunal ma jistax jilqa' t-talba għar-rexxisjoni tal-kuntratt ta' bejgħ imma qiegħed jaċċetta illi l-attur huwa ntitolat għal rifużjoni ta' parti mill-prezz tagħha peress illi ma kienetx tal-kwalità pattwita.

Għar-raġunijiet premessi, it-Tribunal qed jilqa' in parti t-talba attriċi u jikkundanna lis-soċjetà konvenuta għall-ħlas tal-ammont ta' € 100 li t-Tribunal qed jiffissa arbitrio boni viri sabiex jagħmel tajjeb għat-tiswija meħtieġa fit-tinda in kwistjoni peress li rriżultat illi ma kienetx tal-kwalità pattwita.

Spejjeż ta' dina l-vertenza għas-soċjetà konvenuta.

Av. Joseph Ellis
Arbitru.